**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **53**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar Il-Ħamis 4 ta' Settembru, 2025 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

President: Is-Sur Sandro Azzopardi

L-Imdina: Il-Kunsilliera is-Sa Maryanne Sultana

Is-Siġġiewi: Sindku s-Sur Julian Borg

Ħal Kirkop: Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit

L-Imqabba Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa

Il-Qrendi: Viċi President is-Sur David Michael Schembri

Ħal Safi Sindku is-Sur Johan Mula

Iż-Żurrieq: Sindku s-Sa Rita Grima

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħaż-Żebbuġ: Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi

Ħad-Dingli: Sindku is-Sur Raymond Schembri

Rabat: Sindku s-Sur Alexander Craus

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:15 ta' filgħaxija.

**53.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

**53.01.01** Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Steve Zammit Lupi, is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri u is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus

**53.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 52;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 52 li saret nhar is-7 ta' Awwissu 2025.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**53.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**53.03.01** L-Adminstration Officer II, AV iddeċidiet li tkompli id-Degree li kienet diġà bdiet ġewwa l-MCAST full-time u taħdem siegħat ridotti fir-Reġjun ta' mhux inqas minn 30 siegħa.

**53.03.02** Il-Maniġer tal-Kultura u tal-Fondi Lokali u EU ser tattendi għall-Kaleci Old Town Festival li ser isir f' Antalya it-Turkija bejn it-08 u 13 ta' Ottubru 2025.

**53.03.03** Intlaqa b'suċċess il-proġett 'Tazza Waħda' mal-Kunsill Lokali Safi fil-festa tal-Lokal

**53.04 Kommunikazzjoni mill-President**

**53.04.01** Nhar il-05.08.25 irċivejna proposta mis-Sur Borg fuq il-Casino Notabile.

**53.04.02** Nhar is-07.08.2025 tqassmu 8 *barriers* lil kull Kunsilli Lokali.

**53.04.03** Nhar is-07.08.25 irċivejna Cir AKL 2025/047 Ingħaqdu magħna fil-"Smart City Expo 2025" – Esperjenza u Opportunitajiet ta' Kollaborazzjoni. L-għan ta' dawn id-diskussjonijiet huwa li nkomplu nkabbru l-għarfien tal-kunsilli u l-komunitajiet tagħna fuq is-suġġett tad-diġitalizzazzjoni. L-Assoċjazzjoni ingħatat numru ta' biljetti għall-entratura għal din il-fiera li ssir ġewwa Barċellona bejn 4 u 6 ta' Novembru. Il-valur ta' kull biljett huwa ta' €200, u mir-Reġjun Punent ser jattendu l-President u Segretarju Eżekuttiv.

**53.04.04** Nhar it-08.08.25 irċivejna Malta's Sustainable Development Action Days 2025: Your Actions, Our Future! Il-Ministeru għall-ambjent l-Enerġija u l-Indafa Pubblika jinsab fil-proċess li jabbozza programm ta' avvenimenti bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea tal-Iżvilupp Sostenibbli 2025, li l-ġimgħa ewlenija tagħha se ssir bejn l-20 u s-26 ta' Settembru 2025. L-għan tal-Jiem ta' Azzjoni huwa li jippromwovi u jrawwem għarfien dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) relatati tan-Nazzjonijiet Uniti (UN) u li jispira aktar organizzazzjonijiet biex jieħdu aktar azzjoni u juru l-impenn tagħhom lejn is-sostenibbiltà. L-inizjattiva tista' tkun kwalunkwe ħaġa li tvarja minn sessjonijiet ta' informazzjoni, proġetti komunitarji, u kampanji ta' sensibilizzazzjoni. Azzjonijiet diġitali bħal kampanji fuq il-midja soċjali dwar is-sostenibbiltà huma wkoll possibbli.

**53.04.05** Nhar it-08.08.25 il-President tal-ANSEK is-Sur Gatt, bgħat biex qabel ma jiżdied servizz ġdid ikun hemm ċertezza li dan ma jxekkilx jew ma jnaqqasx il-kwalità tas-servizzi eżistenti. Informa li għalkemm hemm differenzi ta' opinjoni fuq punt partikolari, dan bl-ebda mod ma jfisser li għanda tikser ir-relazzjoni ta' ħidma li għandna bejnietna, u li għandha tkompli għall-ġid tas-sistema tal-Gvern Lokali.

**53.04.06** Nhar it-08.08.25 irċivejna mill-LESA regolamenti u link għal formula diġitali dwar l-iskemi ta' Fondi għall-għaqdiet volontarji u NGO's maħruġa mill-Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali flimkien mal-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol. Din l-iskema b'fondi totali ta' €600,000 fuq firxa ta' sentejn, se tkopri l-perjodu bejn Lulju 2025 u Ġunju 2027. Din tkopri għajnuna f'servizzi provduti mill-Korp tal-Pulizija, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u LESA, u huma relatati ma' buon ordni, sigurtà u mmaniġġjar tat-traffiku waqt attivitajiet li jiġu organizzati minn entitajiet mhux governattivi jew għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet. Il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet l-iskema ta' għajnuna finanzjarja lill-għaqdiet volotarji u NGO's**.**

**53.04.07** Nhar it-08.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej staqsiet fir-rigward tal-iskema tal-fondi:

1. Jekk Kunsill Lokali mhux eliġibbli li japplika taħt din l-iskema, imma tkun ser tittella' attivita' organizzata mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni ma' NGO/VO, f'dan il-każ tkun tista' l-applikazzjoni għall-fondi ssir mill-NGO/VO?

2. NGOs/Vos jistgħu japplikaw biex jieħdu fondi biex jintużaw biex jingħalqu toroq fi żmien il-festa tal-lokalita?

3. Attivitajiet li seħħew bejn Mejju 2025 u Ġunju 2025 (qabel daħlet fis-seħħ din l-iskema) jistgħu japplikaw u jiġu rifondati?

4. Nhar it-08.08.25 irċivejna ir-risposti mill-LESA fir-rigward l-iskema ta' fondi għall-għaqdiet volontarji.

**53.04.08** Nhar it-08.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sa Cassar mid-DLG li fit-taqsima "Avvenimenti li ġejjin" fl-ewwel edizzjoni tal-Urban Newsletter kien hemm titlu aċċess għall- finanzjament: Għodod Prattiċi għall-Bidla Urbana. Infurmat li kemm hi kif ukoll kollega ma kienux eliġibbli għall-finanzjament biex jattendu l-Forum tal-Bliet fi Krakovja minħabba li riedu jiġu ssodisfati kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà li jinkludu li tkun awtorità urbana, li jkollok popolazzjoni ta' inqas minn 500,000 abitant, u li tkun tinsab f'reġjun inqas żviluppat jew ta' tranżizzjoni. Staqsiet jekk hemmx xi opportunitajiet alternattivi ta' finanzjament disponibbli li jappoġġjaw il-parteċipazzjoni f'avvenimenti bħal dawn.

Nhar il-11.08.25 is-Sa Cassar infurmatna li taħt l-opportunita' tal-Fondi tal-EUI_URBACT bliet iżgħar spiss ikollhom ċans akbar li jirċievu appoġġ għal rimborż għall-ivvjaġġar. Infurtna li hemm opportunitajiet oħra disponibbli għal bliet iżgħar, li jistgħu jiġu enfasizzati waqt l-avveniment. Semmiet żewġ opportunitajiet addizzjonali:

- EURegionsWeek 2025 (Ottubru 2025, Brussell): Avveniment ewlieni dwar il-politika reġjonali u urbana fejn jiġu diskussi opportunitajiet ta' finanzjament u strateġiji ta' żvilupp urban, inklużi sessjonijiet mill-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI).

- EU City Lab dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija (Novembru 2024, Bukarest): Dan l-avveniment, organizzat b'mod konġunt minn URBACT u EUI, jiffoka fuq mekkaniżmi ta' finanzjament u strateġiji għal proġetti urbani sostenibbli.

Għalkemm dawn l-avvenimenti mhumiex iddedikati esklussivament għal opportunitajiet ta' finanzjament, jipprovdu pjattaformi siewja għall-awtoritajiet urbani biex jitgħallmu

dwar u jinvolvu ruħhom fi programmi ta’ finanzjament li jappoġġjaw l-iżvilupp urban sostenibbli.

**53.04.09** Nhar id-09.08.25 ġejna infurmati li ir-Reġjun ġie inkluż f’sejħa għal proposti mill-Kummissjoni Ewropea għal proġett taħt in-Network tal-Bliet tal- programm CERV bit-titlu "27 Vuċi għal Ewropa Aktar Ekoloġika." Il-parteċipazzjoni f'dan il-proġett ma ġġarrab l-ebda spiża għal xi entità, peress li huwa ffinanzjat kompletament mill-programm CERV. Matul il-proġett, se jsiru ħames laqgħat tematiċi f'ħames bliet minn ħames pajjiżi differenti fi ħdan is-sħubija. L-inklużjoni u l-integrazzjoni finali fil-proġett mhux se jiġu kkonfermati sakemm l-entità sieħba ma tiffirmax il-"Ftehim ta' Parteċipazzjoni." Dan il-ftehim jeħtieġ li jiġi ffirmat hekk kif il-proġett jiġi approvat.

**53.04.10** Nhar l-10.08.25 irċivejna invit mis-sovritendenza tal-Wirt Kulturali sabiex nissottomettu avvenimenti għall-Jiem tal-Wirt Ewropew (EHD) 2025 li ġejjin, li se jsiru mill-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru sal-Ħadd, 12 ta' Ottubru. It-tema ta' din is-sena hija: Built Limestone and Beyond: 7,000 Years of Architectural History. It-tema tiċċelebra l-firxa diversa ta' bini u strutturi li jsawru l-inħawi tagħna—li jkopru diversi stili, funzjonijiet u perjodi storiċi. L-avvenimenti għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew b'rata mnaqqsa u għandu jkollhom l-għan li jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

**53.04.11** Nhar it-12.08.25 ġejna infurmati li b’effettt immedjat mit-8 ta' Awwissu 2025, il-Kunsilliera Francine Farrugia ma għadiex tokkupa l-kariga ta' Kunsilliera fil-Kunsill Lokali is-Siġġiewi.

**53.04.12** Nhar it-12.08.25 ġejna infurmati li l-iskadenza għall-applikazzjonijiet għall-Premjijiet ta' Azzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli ġiet estiża sal-Ħadd, 24 ta' Awwissu 2025.

**53.04.13** Nhar it-13.08.25 irċivejna mis-Sa Ghirxi li wara l-ewwel edizzjoni tal-Forum Multilaterali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli tal-2024 bħala parti mit-Tieni Reviżjoni Nazzjonali Volontarja ta’ Malta, id-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli se jorganizza t-tieni edizzjoni tal-Forum. Bħas-sena l-oħra, il-Forum se jilqa’ l-parteċipazzjoni minn Ministeri u Entitajiet tal-Gvern, kunsilli lokali u reġjonali, NGOs, rappreżentanti taż-żgħażagħ, akkademiċi, u s-settur privat. Il-ġurnata se tinkludi tliet sessjonijiet, kull waħda minnhom bi tliet workshops jew panels fl-istess ħin, li jagħmlu total ta’ disa’ workshops. Il-Maniġer tal-Ambjent ser jkun qed jirrappreżenta lir-Reġjun u ser jkun parti minn wieħed mill-*panels* f’dan il-Forum.

**53.04.14** Nhar it-13.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 005/2025_Members Newsletter - ALDA Migration Hub. Bħalissa, hemm żewġ opportunitajiet ta’ finanzjament miftuħa ta’ rilevanza partikolari. Is-Sejħa tal-AMIF, b’baġit totali ta’ €34 miljun, tiffoka fuq proġetti relatati mal-edukazzjoni, il-ħiliet diġitali, u l-integrazzjoni tan-nisa migranti. Barra minn hekk, is-Sejħa tas-CERV qed taċċetta proposti li jesploraw temi ta’ migrazzjoni, dekolonizzazzjoni, u soċjetajiet Ewropej multikulturali.

**53.04.15** Nhar it-13.08.25 id-DG Vassallo infurmana li id-Diviżjoni tal- Gvern Lokali qed tesplora kollaborazzjoni potenzjali mal-Awtorità għall-Użu Responsabbli tal-Kannabis (ARUC) billi tinstalla tabelli bil-għan li ssaħħaħ l-għarfien pubbliku dwar il-qafas legali dwar l-użu tal-kannabis f'Malta.

**53.04.16** Nhar l-14.08.25 irċivejna Cir AKL 2025/048_LOGREENER *Project launches its toolkit for sustainable energy planning*. Din hija pjattaforma faċli li toffri gwida u għodod prattiċi għall-pjanifikazzjoni tal-enerġija sostenibbli, inkluż mudelli ta’ xenarji ta’ enerġija rinovabbli u żvilupp ta' *green fiscal policy development*. Hija utli għal dawk li jfasslu b’mod partikolari poloz minn awtoritajiet lokali, staff tekniku, impjegati tal-kunsilli u dawk involuti fl-isforzi ta’ tranżizzjoni ekoloġika.

**53.04.17** Nhar 18.08.25 ircivejna mill-Wasteserv li nhar 21.08.25 ser isir eżercizzju dwar skart riċiklat miġbur sabiex jiddefenixxu l-kwalita’ tiegħu. Bħala Reġjun m’għandna ebda poter li naraw li r-residenti qegħdin jisseparaw kif suppost u għaldaqstant mhux ser nattendu.

**53.04.18** Nhar it-18.08.25 id-DG Vassallo infurmana dwar l-eżerċizzji li saru u li qed isiru f’bosta

Kunsilli dwar l-assimilazzjoni kif ukoll l-progressjoni ta' impjegati tal-kunsill skont il-ftehim kollettiv il-ġdid. Nuqqas t'osservanza twassal biex sfortunatament ikunu jridu jiġu irkuprati mingħand l-impjegat dawk il-ħlasijiet żejda li jkunu saru – anke jekk jkun għadda iż-żmien.

**53.04.19** Nhar it-18.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 006/2025_Tnedija tal-Proċess ta' Akkreditazzjoni ELoGE għall-Kunsilli Lokal. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rnexxielha tikseb l-akkreditazzjoni għall-programm ELoGE (European Label of Governance Excellence). Barra minn hekk, permezz ta' proposta sottomessa lill-Kunsill tal-Ewropa fi Strasburgu, kisbu fondi addizzjonali biex iħaddmu dan il-proċess mal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex. Il-ħsieb hu li kull Reġjun ikollu rwol attiv u kruċjali sabiex il-Kunsilli Lokali fi ħdanu japplikaw għall-akkreditazzjoni ELoGE. Fl-1 u 2 ta' Settembru 2025 saru l-ewwel sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ online mal-esperti tal-ISIG fejn attendew l-President, ES u l-Managers tal-Progetti, Skart u Eu/Fondi Lokali.

Matul il-proġett, l-AKL se tħejji wkollHandbook bil-linji gwida u informazzjoni dettaljata dwar il-proċess EloGE kif ukoll pjattaforma online fejn kull Kunsill ikun jista' jiġbor rispons mingħand il-ħaddiema, membri eletti u residenti bħala parti mill-evalwazzjoni tal-programm.

**53.04.20** Nhar it-18.08.25 irċivejna mill-MCAST li ser isir it-tielet edizzjoni tal-Kampusajf Festival bejn 20 sa 22.08.25, li jinkludi programm ta' wirjiet, wirjiet ta' films, kliem mitkellem, u mużika live, kollha kkurati biex jiċċelebraw l-iskambju artistiku u l-kreattività mmexxija mill-komunità.

**53.04.21** Nhar id-19.08.25 il-Maniġer tal-Ambjent wara d-diskussjoni li saret waqt il forum tal-Maniġers dwar l-applikazzjoni tas-software, bagħat lid-direttur Galea sabiex jagħmel laqgħa biex jiddiskutu pjanijiet li kien qed jaħdem fuqhom ir-Reġjun peress li DLG kien qed jaħseb li jagħmel xi ħaġa simili. Infurmaħ li bħala Reġjun konna qed niffinalizzaw kuntratt u nippreparawh għall-vot tal-Kunsill, biex nipproċedu bl-iżvilupp kemm ta' portal tal-web kif ukoll ta' app tal-mowbajl permezz ta' Malta University Consulting (MUHC).

**53.04.22** Nhar id-19.08.25 irċivejna proposta għal proġett pilota mingħand is-sindku ta' Ħaż-Żebbuġ is-Sur Zammit Lupi għall-ġbir tal-ħġieġ f'collection points f'żona magħżula u maqbula magħna.

**53.04.23** Nhar l-20.08.25 irċivejna kommunikat mid-direttur Galea dwar l-allokazzjoni finanzjarja tat-tielet kwart. Infurmana li l-ammont ta' € 551,912.21 2025 jikkonsisti kif ġej:

Allokazzjoni Finanzjarja għall-Kunsilli Reġjonali għas-sena 2025 - € 166,666.67
Allokazzjoni marbuta mal-ġbir tal-iskart għall-2025 - € 385,245.55

**53.04.24** Nhar l-20.08.25 irċivejna mingħand l-AKL sabiex nikkonfermaw l-attendenza tal-laqgħa nhar 09.09.25 fil-progett TIPS4UA bl-għan li naqsmu l-għarfien u l-kompetenza, billi nuru l-esperjenza tagħna fil-qasam rilevanti, sabiex id-delegati Ukreni jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dan l-għarfien.

**53.04.25** Nhar 20.08.25 irċivejna mis-Sur Agius sabiex nagħtu aġġornament fuq l-Żvilupp u titjib ta' Latrini Pubbliċi Awtomatiċi madwar Malta u Għawdex (SPI/SCI/10/2022).

**53.04.26** Nhar l-20.08.25 bgħatna formola ġdida ta' applikazzjoni lill-Kunsilli Lokali għall-proċess ta' self ta' oġġetti sabiex il-proċess ikun wieħed iktar ċar u effiċjenti.

**53.04.27** Nhar l-20.08.25 il-Maniġer tal-Proġetti bagħat lill-Onorevoli Omar Farrugia fejn talbu għal Laqgħa sabiex jiġu diskussi proġetti essenzjali u ta' importanza storika u kulturali fuq żewġ siti li jinsabu l-Imdina.

**53.04.28** Nhar it-22.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li s-SEM se tkun qed torganizza sezzjoni ta' taħriġ dwar il-proċess tal-iżvilupp u kitba ta' proġetti nhar 04.09.25. Dan it-taħriġ se jkun indirizzat speċifikament għall-Kunsilli Lokali.

**53.04.29** Nhar l-24.08.25 irċivejna li l-European Week for Waste Reduction qiegħda biss xagħrerjn ‘l bogħod u r-reġistrazzjoni ser tiftaħ f’għaxar t’ijiem.

**53.04.30** Nhar il-25.08.25 irċivejna Cir AKL 2025/049_SiGMA Euro-Med 2025 | Complimentary Passes for Local Councils. SiGMA Group qed joffru 15-il biljett li joffru aċċess għall-exhibition floor, konferenzi u ċ-ċelebrazzjoni uffiċjali bejn 02-03.09.25.

**53.04.31** Nhar il-25.08.25 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti fetaħ it-tieni sejħa għall-iskema Wirt Artistiku. Din l-iskema hija mmirata għal dawk l-għaqdiet u soċjetajiet li huma involuti f’xogħol volontarju marbut mal-festa tar-raħal jew belt tagħhom.

**53.04.32** Nhar il-25.08.25 irċivejna li Creative Europe se torganizza Workshop dwar l-Applikazzjonijiet nhar 03.09.25. L-iskop ta’ dan il-workshop huwa li jiġi esplorat bir-reqqa l-proċess tal-applikazzjoni u jiġu indirizzati kwalunkwe sfida speċifika li tiffaċċja matul din il-proċedura.

**53.04.33** Nhar is-26.08.25 irċivejna Cir AKL 2025/050_Programm Ġdid fuq PBS dwar il-Kunsilli Lokali. Bis-Saħħa tal-Assoċjazzjoni l-Kunsilli Lokali ser jibda jkollhom programm ta’ nofs siegħa fil-ġimgħa. Dan il-programm se jkun opportunità importanti biex nuru l-ħidma li qed issir fil-livell lokali u reġjonali, kif ukoll biex nagħtu vuċi direttament lir-residenti dwar inizjattivi, proġetti u suġġetti ta’ interess pubbliku. Dan ser jibda jixxandar nhar il-Ġimgħa, 5 ta’ Settembru, fis-14:30.

**53.04.34** Nhar is-27.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 007/2025 FW: Reminder - CEMR Green Day - Doodle to Fill In.

**53.04.35** Nhar it-28.08.25 irċivejna r-rapporti u l-ittri ta’ twissija maħruġa lill-kolletturi tal-iskart fir-Reġjun.

**53.04.36** Nhar it-28.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 008/2025_Exciting opportunities for ACR+ Built Environment Thematic Area members.

**53.04.37** Nhar it-28.08.25 il-President bagħat lill PS Mahoney rigward l-issues ta’ l-iskart fuq il-kumpens finanzjarju, l-approvazzjoni ta’ multi ta’ skart, kontijiet tar-rejects, Allokazzjoni finanzjarja u process ta’ tenders. Il-President tal-AKL bagħat fuq l-issue tal-multi fejn informa li trid issir distinzjoni bejn multi esaġerati u dawk raġjonevoli. Informa li min qiegħed f’pożizzjoni irrid jieħu d-deċiżjonijiet li l-kariga iġġib magħha u ir-Reġjuni m’għandhomx jitħallew bla risposti. DG Dalli mid-DOC informa lill-President li m’għandu l-ebda pendenzi fejn jidħol ir-Reġjun Punent.

**53.04.38** Nhar id-29.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 009/2025_ INVITATION: International Conference "Fostering inclusion in small municipalities and rural territories". L-avveniment joffri opportunità biex ningħaqdu mal-mexxejja Ewropej fit-tiswir ta’ approċċi inklużivi għall-imigrazzjoni f’żoni rurali u urbani żgħar

**53.04.39** Nhar id-29.08.25 irċivejna Ċirkulari emendat: SPI/APP/9/2025. Emenda tal-Policy u l-Proċess għall-Amministrazzjoni ta’ Proprjeta’ Pubblika (Devoluzzjoni).

**53.04.40** Nhar id-29.08.25 irċivejna Cir AKL/Regjuni 010/2025_Invitation: CDP-ICLEI Track Webinar | 11 September 2025. focused on the CDP-ICLEI Track - a unified environmental reporting platform for cities

**53.04.41** Nhar l-01.09.25 irċivejna Requests for Accumulation of Vacation Leave. Infurmawna li Is-Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali jistgħu jitolbu t-trasferiment ta’ sa 50% tal-intitolament tal-liv annwali tal-2025 tagħhom skont il-PSMC 3.1.9. Kwalunkwe talba lil hinn mill-50% tal-intitolament tal-*leave* annwali tiġi approvata biss f’ċirkostanzi eċċezzjonali u trid tkun akkumpanjata minn evidenza dokumentarja.

**53.04.42** Nhar l-01.09.25 irċivejna mid-DLG li tnediet sejħa ġdida għal Imsieħba dwar Bliet Kompatti taħt il-qafas tal-Aġenda Urbana għall-Unjoni Ewropea (UAEU). Bl-għan li ġġib flimkien bliet u partijiet interessati minn madwar l-Ewropa biex jikkollaboraw fuq it-tfassil tal-politika, il-finanzjament, u l-attivitajiet ta' kondiviżjoni tal-għarfien li jappoġġjaw l-iżvilupp ta' ambjenti urbani aktar sostenibbli, inklużivi, u effiċjenti fir-riżorsi.

**53.04.43** Nhar it-03.09.25 ġie ikkonfermat l-proċess tal-assimilazzjoni tal-ħaddiema klerikali tar-Reġjun mid-DLG.

**53.04.44** Il-President informa li il-Kunsilli Lokali ta' tar-Rabat, Ħad-Dingli, Ħaż- Żebbuġ u Ħal Kirkop għadhom m'avviċinawx lil LESA biex jkunu jistgħu jinfurzaw multi bi CCTV cameras.

**53.05 Tweġibiet għall-mistoqsijiet**

Is-Sindku tal-Imqabba staqsiet jekk ir-Reġjun jistax jassisti f'xiri ta' AED

**53.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

**53.06.01** Kwotazzjoni RFQ233/2025 Request For Quotation for the Purchase of Vacuum Litter Collector

**53.06.02** Kwotazzjoni RFQ234/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Merchandise

**53.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**53.07.01** Kwotazzjoni RFQ233/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Vacuum Litter Collector

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna offerta waħda biss. Il-President informa sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta' Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**53.07.02** Kwotazzjoni RFQ234/2025 – Request For Quotation for the Purchase of Merchandise

Il-President informa li ntbagħtu erbgħa (4) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tlett 3 offerti. Il-President informa sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**53.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.41**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 40.

Proponent: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M.Schembri
Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament.

**53.09 IT Manager**

Il-President informa li nhar it-02.09.2025 irċieva mingħand l-IT Manager illi sab xogħol full-time ieħor, madanakollu lest li jibqa' fuq bażi part-time fir -Reġjun. Semma li bħalissa m'hawnx nies disponibli fis-suq tax-xogħol anke minħabba l-paga marbuta ma' dan ix-xogħol u għaldaqstant ippropona li naċċettaw li jinqaleb fuq bażi part time b'tal-anqas ikollna servizz ta' 20 siegħa fil-ġimgħa, nkluż ġurnata fil-ġimgħa sabiex jassiti lil Kunsilli Lokali fuq il-post kif meħtieġ.

Sekondant: Is-Sindku tal -Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
(b'riserva li jaħdem minimu ta' 3 siegħat kuljum)

Il-Kunsill qabel unanimament

**53.10 Sħubija CIWM**

Il-President ippropona li flimkien mal-AKL biex nissieħbu ma' Chartered Institute of Wastes Management (CIWM) minħabba li hija utli fix-xoghol tal-waste managers biex jara u jitgħallem minn pajjizi oħrajn f'dan il-qasam.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament

**53.11 Pink Box Item**

Il-President ippropona sabiex nixtru l-items li spiċċaw sabiex nkomplu nassitu lil Kunsilli Lokali u skejjel li tajniehom il-Pink Box.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament

**53.12 Probation ES**

Il-President informa li l-perjodu tal-Probation tas-Segretarju Eżekuttiv ser jagħlaq fid-29 ta' Settembru 2025 u ppropona li kemm il-darba ma hemmx oġġezzjoni din tinżamm fil-kariga tagħha.

Sekondant: Il-Kunsilliera ta' Mdina is-Sa Maryanne Sultana
Il-Kunsill qabel unanimament

### 53.13 Publikazzjoni SIA

Il-President ippropona sabiex nibdew il-preparamenti biex jkun ppublikat u mniedi is-Social Impact Assessment.

Sekondant: Is-Sindku is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

### 53.14 Materji Oħra

#### 53.14.01 ELOGE Programme

Il-President ippropona li bħala Reġjun għandna nuru interess u nattendu għat-taħrig ta' dan il-programm mil-ħaddiema tar-Reġjun u li malli jkollna aktar informazzjoni naraw min huwa nteressat.

Sekondant: Il-Viċi President u s-Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

#### 53.14.02 Kirkop Adapted Sports Day – Promoting Inclusivity

Il-President ippropona wara talba li saret mis-SE ta' Kirkop nhar id-29.08.25 sabiex nassistu fi promozzjoni permezz ta' billboard u fuq Facebook fl-attivita' Kirkop Adapted Sports Day kif ukoll li nikkuntatjaw lill visualnonvisual.org jekk jridux jikkollaboraw biex jkunu parti minn din l-attivita'. Ser nassistu ukoll billi noffru servizz tal-First Aider.

Sekondant: Is-Sindku ta' Mqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

#### 53.14.03 TM – Mobility for Everyone u DLG City to City Initiative

Il-President ippropona li ssir laqgħa sabiex tingħata informazzjoni fuq dawn l-iskemi lis-Sindki. Id-data proposta hija 23 ta' Settembru fil-5-ta' filgħaxija.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

#### 53.14.04 Is-Sejħa tas-Segretarji Eżekuttivi

Il-President informa li wara disgwid li kien hemm bejn DLG U AKL fuq kif ikunu maħtura is-Segretarji Eżekuttivi, id-Dipartiment informa li ser jerġa joħroġ is-sejha bl-aħħar kundizzjonijiet li nħarġu. Il-President ippropona sabiex nappoġġjaw lil AKL li mhijiex favur dwar kif il-bord tal-għażla tal-ES ikun iffurmat u jekk ikun il-bżonn ser tagħti direttiva sabiex il-Kunsilli jinjoraw dawn is-sejħiet minħabba li d-direttiva tmur kontra l-awtonomija tal-Kunsilli Lokali.

Sekondant: **Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit**
Il-Kunsill qabel unanimament

**53.14.05 Trasferiment tal-Leave**

Il-President ippropona li is-Segretarju Eżekuttiv TF tkun tista' ġġedded bilanċ ta' 83.75 siegħa VL ta' 2025 għas-sena 2026.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

## 53.15 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tnejn 6 t' Ottubru 2025 fil-5pm.**

Ikkonfermati llum